# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 190/2020FDP**

Fl-ismijiet

**D & D Italian Food Ltd (C 86519)**

**vs**

**Joseph (KI Nru. 240462M]) u Francesca (KI Nru.601563M)**
**konjuġi Vella**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    *Illi s-soċjeta' rikorrenti esponenti daħlet fi ftehim ta' kiri ta' fond kummerċjali adebit bħala forn, mal-intimati in forza ta' skrittura privata datata 18 ta' Settembru, 2018, kopja ta' liema skrittura privata qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument DDIF 1.*

    *Is-soċjeta' rikorrenti għażlet u qablet li tikri l-imsemmi fond kummerċjali għax ġie indikat u imwiegħed lilha li l-fond seta' jintuża għall-manifattura u bejgħ ta' ħobż, ta' fancy bread u bħala pastiċċerija.*

    *Skond klawsola ta' l-imsemmi ftehim intitolata "Licences and Permits" ġie maqbul u stipulat, li l-intimati in kwantu sidien, kellhom jiggarantixxu u konsegwentement iddikjaraw li l-fond mikri minnhom, kien munit minn permessi għall-manifattura u bejgħ ta' ħobż, fancy bread u pastiċċerija.*

    *Mil-liċenzja tal-kummerċ li ġiet provduta lis-soċjeta' rikorrenti, l-attivita effettivament permessa u liċenzjata, hija limitata għall-manifattura u bejgħ ta' ħobż.*

*Minn verifiki li għamlet is-soċjeta' rikorrenti, sabiex mill-fond mikri seta' jkun permess il-manifattura u bejgħ ta' fancy bread u l-attivita ta' pastiċċerija, kien meħtieġ li jsiru modifikazzjonijiet varji fil-fond mikri, liema modifikazzjonijiet kienu jinħtieġu spiża konsiderevoli. Dan kollu ser jiġi ppruvat f'aktar dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża.*

*Is-soċjeta rikorrenti fis-17 ta' Frar, 2020 bagħtet ittra permezz tal-konsulent legali tagħha fejn wara li rriferiet għal u spjegat ir-restrizzjonijiet u l-limitazzjonijiet fl-użu tal-fond mikri, li ġiet rinfaċċjata bihom, offriet żewġ soluzzjonijiet sabiex il-vertenza tiġi riżolta, senjament:*

*(a) li jiġi terminat il-kuntratt ta' kera u jiġi ritornat l-ammont imħallas mis-soċjeta' rikorrenti esponenti lill-intimati; jew*

*(b) li jiġu aġġornati l-liċenzji tal-kummerċ u li jsiru x-xogħolijiet ta' immodernizzar meħtieġa fil-fond mikri mill-intimati w a spejjeż tagħhom, sabiex l-użu u l-godiment miftiehem, konċess, garantit u assikurat ikun jista' effetivament jiġi eżerċitat leġittimament u regolarment mingħajr ebda restrizzjoni u limitazzjoni.*

*Permezz ta' ittra bi tweġiba mibgħuta mill-konsulent legali tal-intimati l-imsemmija soluzzjonijiet ġew skartati u respinti.*

*Permezz ta' ittra uffiċċjali ppreżentata fit-22 ta' Settembru, 2020 l-intimati talbu u interpellaw lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tħallas l-arretrati ta' kera u li tiżgombra mill-fond mikri.*

*Isegwi minn dak fuq espost li l-kuntratt ta' kiri maqbul, iffirmat u eżegwit mis-soċjeta' rikorrenti u mill-intimati jippekka f'dik li hija l-funzjoni prattika [rectius il-causa skond Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili - Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta] li l-partijiet kontraenti persegwew medjanti l-akkordju kuntrattwali. Il-causa u l-iskop tal-partijiet kontraenti fil-ftehim ta' kiri oġġett u mertu ta' din il-kawża huma min-naħa l-waħda, ossija min-naħa tas-soċjeta' rikorrenti attriċi l-godiment ta' fond mikri skont użu maqbul, miftiehem, stipulat u espressament garantit u min-naħa l-oħra ossija min-naħa tal-intimati, l-kumpens għal tali godiment u użu. In-nuqqas fl-użu u l-godiment kif previst u maqbul bejn il-partijiet kontraenti u allura l-obsolenza tal-matriċi ideoloġika tal-użu li kull wieħed mill-partijiet kontraenti addottaw fil-konvenjzoni negozjali ta' bejniethom irrendiet il-ftehim ta' kiri assolutament null u mingħajr effett fil-liġi konsegwenza tal-assenza u obsolenza ta' element vitali u important għall-eżistenza ta' kuntratt u tal-effetti tiegħu.*

*Is-soċjeta' rikorrenti attriċi ħallset il-kera stipulata fil-Ftehim ta' Kiri sad-data meta hija fehmet li l-possibilita li l-kwistjoni tiġi riżolta kienet prattikament impossibbli li sseħħ u li għalhekk il-godiment u l-użu previsti ma kinux ottenibbli u materjalment eżerċitabbli. Qiegħed jiġi unit ma' dan ir-rikors prospett [Dokument B] li juri l-ammont totali ta' ħlasijiet li ġew effettwati mis-soċjeta' rikorrenti mid-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' kiri sad-data meta s-soċjeta' esponenti ddeċidiet li ma tkomplix teffetwa ħlasijiet għar-raġuni fuq esposta.*

*Huwa dritt tas-soċjeta' esponenti li tippretendi l-ħlas lura ta' l-ammont ta' kera li ġie imħallas minnha lill-intimati għall-godiment u użu miftiehem,*

*konċess, garantit u assikurat u li iżda ma kienx ottenibbli u eżerċitabbli u li konsegwentement irrenda l-kuntratt ta' kiri bħala wieħed legalment defiċitarju u allura assolutament null u mingħajr effett.*

*Għaldqastant in vista tas-suespost u għar-raġunijiet indikati f'dan ir-rikors l-esponenti soċjeta' attriċi titlob umilment li dan l-Onorabbli Bord sabiex:*

*1. jiddikjara u jiddeċiedi li l-Ftehim ta' Kiri tat-18 ta' Settembru, 2018 huwa assolutament null u bla ebda effett legali in kwantu nieqes mill-causa, element neċessarju sabiex kuntratt ikun legalment validu u effettiv;*

*2. tordna li l-ammont tal-kera kollha imħallsa mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimati sad-data meta l-istess soċjeta' rikorrenti waqfet teffettwa l-ħlasijiet għar-raġuni fuq spjegata, tiġi imħallsa lura mill-intimati solidalment bejniethom, lill-istess soċjeta' rikorrenti, flimkien mal-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati solidalment bejniethom.*

2. Rat illi fl-4 ta' Jannar 2021, l-intimati Joseph u Francesca konjuġi Vella laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi l-kirja kienet saret bil-fond liċenzjat kif imsemmi fl-istess skrittura ta' kera u għalhekk bl-ebda mod ma huwa minnu li l-istess kirja hija nieqsa minn causa jew mod ieħor nulla jew invalida.*

   2. *Illi ma hemm għalhekk l-ebda obbligu fis-sid li jirritorna l-flus lilu mħallsa bħala kera u dan stante li l-fond għadda fil-pussess tar-rikorrent li seta' jgawdi minnu skond ma dehrlu huwa.*

   3. *Illi r-rikorrenti ma jistax jagħmel din il-kawża kemm il-darba ma jirritornax iċ-ċwievet u l-pussess tal-fond lura lir-rikorrenti.*

   4. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u llum l-istess ir-rikorrenti bħala inkilwini huma morusi fil-ħlas tal-kera.*

   ***Illi dwar il-fatti miġjuba fir-rikors jingħad:***

   *Illi huwa minnu li l-intimati krew il-ħanut lir-rikorrenti, imma meta saret dik il-kirja l-esponenti wegħdu biss u ggarantew biss dak li hemm imniżżel fl-istess skrittura u xejn iżjed u l-permessi b'liema l-istess ħanut kien munit ġew speċifikati fl-istess skrittura.*

   *Mhux minnu li s-sidien għamlu xi wegħda differenti minn dak stipulat fl-istess skrittura. Huwa sintomatiku li l-kawża bdiet meta l-istess rikorrenti sabu ruħhom f'diffikulta fil-ħlas tal-kera u spiċċaw morusi fl-istess ħlas.*

3. Rat illi, fis-27 ta' Ottubru 2023, wara illi l-Bord li Jirregola l-Kera qajjem, di sua sponte, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza abbażi tal-Artikolu 774 (b) tal-Kap 12, għadda biex ta s-segwenti deċiżjoni:

   *Il-Bord qiegħed jiddikjara ruħu inkompetenti ratione materie sabiex jisma' u jiddeċiedi din it-talba u salv għad-digriet mogħti in camera ai termini tal-*

*artikoli 741(b) u 741(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li qiegħed jingħata kontestwalment, qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.*

*Spejjeż riżervati għal ġudizzju finali skond kif ikun deċiż mill-Qorti riċeventi.*

4. Rat illi, assenjata dina l-kawża, il-Qorti kif komposta fit-18 ta' Diċembru 2023 appuntat il-kawża għat-23 ta' Jannar 2024 sabiex tiġi stradata l-kawża.

5. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2024, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex provi x'tippreżenta w il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

6. Rat illi fid-29 ta' Frar 2024, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx provi x'jippreżentaw w il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

7. Rat illi fid-29 ta' Frar 2024 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

8. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentati fil-21 ta' Mejju 2024.

9. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza bil-fakolta' illi l-intimati jippreżentaw is-sottomissjonijiet sa l-aħħar ta' Lulju.

10. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ppreżentati fil-31 ta' Lulju 2024.

**Provi**

11. Rat il-provi miġbura quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, ossija s-segwenti:

    a. Lease Agreement datat 28 ta' Settembru 2018 tal-post Nikola George Bakery, Triq Nicolo Baldacchino, Siġġiewi. (fol 3 sa 11)
    b. Skeda ta' ħlasijiet ta' kera effettwati mis-soċjeta' rikorrenti, li jammontaw komplessivament għal €21,692.92. (fol 12)
    c. Affidavit, bil-lingwa Taljana, ta' David Chines, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti (fol 27-28) u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata:
        i. Memorandum and Articles of Association ta' D&D Italian Food Ltd. (fol 30)
        ii. Ftehim ta' kera datat 28 ta' Settembru 2018. (fol 41)
        iii. Ftehim datat 7 ta' Frar 2020 bejn il-partijiet riżultat tal-problemi dwar liċenzji u permessi. (fol 50)
    d. Affidavit, bil-lingwa Ingliża, ta' David Chimes. (fol 55 sa 57)
    e. Xhieda ta' **Chantal Stagno Navarra**, Interior Designer, prodotta mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2011 (fol 66) u rat id-dokumentazzjoni eżebiti mill-intimati waqt il-kontro eżami tagħha, ossija 'Trade Department Certificate', maħruġa mill-Commerce Department, Trade Services Directorate, li hija Liċenzja Nru 09/152 maħruġa fuq Nikola George Bakery u għal "Baker and Breadsellers", bir-rimarka "*To keep a Bakery for the manufacture and sale of bread, fancy bread and confectionary*" datata 1 ta' Jannar 2016 sa 31 ta' Diċembru 2016. (fol 82 u 83)
    f. Xhieda ta' **Alessandro Ercolani**, impjegat ta' wieħed mix-shareholders tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2021. (fol 74)
    g. Xhieda ta' l-intimat **Joseph Vella**, prodott in subizzjoni mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2021. (fol 79)
    h. Xhieda ta' l-intimata **Francesca Vella**, prodotta in subizzjoni mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2021. (fol 86)

i. Xhieda ta' **Amanda Cassar**, rappreżentanta tad-Dipartiment tal-Kummerċ li tmexxi t-Trade Licencing Unit, prodotta mill-intimati u mogħtija fis-7 ta' Frar 2022. (fol 98)
j. Xhieda ta' **Duncan Cauchi**, rappreżentant tad-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, prodott mill-intimati u mogħtija fis-27 ta' Lulju 2022. (fol 111)
k. Sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 8 ta' April 2022 Nru 741/21ND fl-ismijiet 'Joseph u Francesca konjuġi Vella vs D&D Italian Food Limited', fejn is-soċjeta' intimata ġiet ordnata illi tivvaka mill-fond wara illi ġie dikjarat illi l-kirja kienet qed titqies bħala terminata. (fol 136 – 140)

12. Rat illi l-Bord, kif dak iż-żmien kompost, iddikjara l-provi magħluqa fis-27 ta' Lulju 2022 u ddiferixxa l-kawża għas-sentenza ghat-12 ta' Jannar 2023 bil-fakolta' lill-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

13. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2023, peress illi l-Maġistrat illi kienet qed tippresjedi l-kawża ġiet elevata għal Imħallef, sentenza ma ngħatax u l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat ieħor.

14. Rat illi fil-15 ta Mejju 2023, il-Maġistrat il-ġdid illi assuma l-atti qajjem eċċezzjoni ta' kompetenza rationae materie a tenur tal-Artikolu 744(b) tal-Kap 12, u għalhekk issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza.

15. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2023, il-Bord kif issa presjedut iddikjara illi ma kienx kompetenti sabiex jiddeċiedi l-każ odjern, u għalhekk għadda l-inkartament lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex dana jiġi assenjat lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

**Fatti**

16. Jirriżulta illi, fit-18 ta' Settembru tas-sena 2018, l-intimati kienu ġew avviċinati minn Salvatore Leonardi, li mar fil-forn tagħhom, li huma kienu għadhom qed joperaw sa ftit żmien qabel, fejn għarraf lil Francesca Vella, li magħha saru t-trattattivi kollha, illi huwa xtaq jopera forn u hi għarrfitu illi l-fond kellu permess bħala forn u confectionary u għaddietlu minnufih id-dokumentazzjoni kollha illi kellha fil-pussess tagħha.

17. Jirriżulta illi dakinhar stess għamlu skrittura bejniethom bħala konvenju biex jagħmlu l-ftehim, kopja tagħha ma ġietx eżebita lill-Qorti.

18. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-28 ta' Settembru 2018, Salvatore Leonardi, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' D&D Italian Food Limited, iffirma skrittura ta' kera mal-konjuġi Joseph u Francesca Vella, fejn il-post kien qiegħed jinkera għal sitt snin di fermo u għal sitt snin oħra di rispetto, b'dan illi wara l-ewwel sitt snin, is-soċjeta' D&D Italian Foods Limited kellha dritt illi ma ġġeddidx il-kirja.

19. Jirriżulta illi l-kuntratt kien jipprovdi, fost affarijiet, is-segwenti:

> ***Use***
>
> *The premises may only be operated according to the limits of use to which the permits will allow.*
> *All permits regarding said property may be transferred in the name of the Lessee. However, if they are transferred in the name of the Lessee, they need to be retransferred back in the name of the Lessor upon termination of the agreement for whatever reason must be in the name of the lessors (owners).*

> ***Licenses and Permits***
> *The Lessor warrants and declares that the Premises have and shall retain the necessary permits for the manufacture and sale of bread, fancy bread and confectionery.*

20. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, wara li kriet il-fond, bdiet tħallas il-kera regolarment filwaqt illi bdiet tagħmel il-preparamenti sabiex tkun tista' tibda topera fil-fond.

21. Jirriżulta, di fatti, illi għalkemm il-fond ossija forn kellu permess għall-manifattura u bejgħ ta' ħobż kif ukoll bħala confectionary, is-soċjeta' rikorrenti riedet tibda timmanifattura f'tali fond prodotti oħra apparti l-ħobż, ossija prodotti tipiċi Sqallin fosthom ħelu, iżda r-rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti bdew jirrifaċċjaw problemi mal-awtoritajiet lokali fuq permessi meħtieġa.

22. Jirriżulta, di fatti, illi sabiex is-soċjeta' rikorrenti tagħmel dak ix-xogħol illi hija stqarret, tramite ir-rappreżentant tagħha David Chines permezz ta' affidavit, ossija "*per realizzare tutti i tipi di produzione dal pane ai prodotti tipici siciliani che dovevano essere gli elementi fondamentali della produzione della mia azienda*" (fol 27), is-soċjeta' rikorrenti kellha tapplika għall-permessi addizzjonali illi ma kinux inklużi fil-permess illi kellhom l-intimati konjuġi Vella.

23. Jirriżulta wkoll illi meta persuna ta' fiduċja ts-soċjeta' rikorrenti, Alessandro Ercolano, beda jassisti lis-soċjeta' rikorrenti biex tottjeni l-permessi meħtieġa, irriżulta illi l-forn ta' l-intimati Vella ma kellux l-infrastruttura u spazju neċessarji sabiex is-soċjeta' rikorrenti tipproduċi dawk l-affarijiet illi hija xtaqet tagħmel.

24. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti baqgħet tħallas il-kera regolarment sa' Diċembru 2019, b'kollox ħallset €21,692.92, wara liema data hija waqfet illi tħallas minħabba li ma setgħetx tibda topera.

25. Jirriżulta illi fi Frar tas-sena 2020, Davide Chimes, flimkien mal-accountant tas-soċjeta' rikorrenti Francis Buttigieg, marru jiddiskutu mal-konjuġi Vella dwar il-problema, u ġie miftiehem li għax-xhur ta' Jannar u Frar 2020 kera ma kellhiex titħallas filwaqt illi qablu li jippruvaw isibu soluzzjoni sat-28 ta' Frar 2020, fejn il-partijiet obbligaw ruħhom illi ma jieħdu ebda proċeduri kontra xulxin.

26. Jirriżulta, madanakollu, illi soluzzjoni ma nstabitx u, permezz tal-kawża odjerna intavolata fil-5 ta' Ottubru 2020, is-soċjeta' rikorrenti pproċediet biex titlob li jiġi dikjarat null il-kuntratt tal-kera u tiġi lilha rifuża kull kera minnha mħallsa.

27. Jirriżulta illi sal-25 ta' Ottubru 2021, data meta xehdet Francesca Vella in subizzjoni, il-ħanut kien għadu fil-pussess tas-soċjeta' rikorrenti peress illi ma kinetx ritornat lura ċ-ċwievet. (vide fol 90)

28. Jirriżulta illi b'sentenza tat-8 ta' April 2022, il-Bord li Jirregola l-Kera, fuq talba ta' l-intimati konjuġi Vella, ddikjara l-kirja bħala terminata u ordna lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tiżgombra mill-fond sa xahrejn mis-sentenza. Ma jidhirx illi sar appell minn dina s-sentenza.

29. Il-Qorti ma hijiex a korrent jekk il-fond ġiex ritornat lill-intimati u meta.

**Ikkunsidrat**

30. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tittenta l-azzjoni odjerna peress illi tikkontendi illi l-fond lilha mikri ma kellux il-permessi meħtieġa sabiex jagħmel dak illi hija riedet tagħmel.

31. Jirriżulta illi, minħabba f'hekk, is-soċjeta' rikorrenti qed titlob illi l-kuntratt jiġi dikjarat null u jiġu rifużi lilha s-somma ta' €21,692.92 imħallsa bħala kera.

32. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konjuġi Vella qed jinsistu illi huma għaddew id-dokumentazzjoni kollha illi kellhom lil Salvatore Leonardi QABEL ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' kera, w s-soċjeta' rikorrenti kienet għalhekk ben a konoxxenza tal-permessi illi kellu l-forn ta' l-intimati konjuġi Vella.

**Ikkunsidrat**

33. Mid-dokumentazzjoni ippreżentata quddiem dina l-Qorti, jidher ċar illi l-fond Nikola George Bakery kellu permess bħala 'Baker and Breadsellers" u kif indikat fiċ-ċar illi l-permess kien:

> *"To keep a bakery for the manufacture and sale of bread, fancy bread and confectionary"*

34. Jirriżulta ċar illi mill-iskrittura ta' kera, kif riprodotta aktar 'il fuq f'paragrafu 19, illi l-intimati kienu għamlu indikazzjoni ċara għall-permessi illi kellhom meta qalu:

> *The Lessor warrants and declares that the Premises have and shall retain the necessary permits for the <u>manufacture and sale of bread, fancy bread and confectionery</u>.*

35. Jirriżulta wkoll ċar illi d-diċitura użata fil-ftehim ta' lokazzjoni illi issa s-soċjeta' rikorrenti qed tipprova timpunja bil-proċeduri odjerni huwa identiku għad-diċitura tal-permess illi l-intimati konjuġi Vella għandhom, ossija *<u>manufacture and sale of bread, fancy bread and confectionery</u>*, liema permessi kienu lkoll kemm huma ingħaddew lil Salvatore Leonardi QABEL ma ffirmaw il-ftehim, liema Salvatore Leonardi ma ttellax biex jixhed fil-proċeduri odjerni.

36. Jirriżulta wkoll illi fl-iskrittura ta' lokazzjoni, imkien ma hemm indikat illi s-soċjeta' rikorrenti riedet tikri l-fond sabiex tkun tista' tagħmel *prodotti tipici siciliani*, kif jgħid Davide Chime – anzi, jingħad bl-aktar mod ċar illi "*The premises may only be operated according to the limits of use to which the permits will allow."*

37. Jirriżulta għalhekk, illi filwaqt illi l-intimati konjuġi Vella kienu ċari u kristallini f'dak illi huma kellhom u dak illi huma krew, mill-banda l-oħra, dana ma setax jingħad fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti illi naqset milli tindika biċ-ċar, fil-kuntratt ta' lokazzjoni, ir-raġuni aħħarija tal-ħtieġa tal-forn illi kienu qed jikru, u li kienet se tipproduċi prodotti illi, sa dak iż-żmien, ma kinux prodotti ġewwa l-forn, u li għalhekk kellhom bżonn permessi u infrastruttura differenti.

38. In vista ta' dan, is-soċjeta' rikorrenti ma tistax issa tgħid illi ġiet imqarrqa mill-intimati meta ġie lilhom mikri l-forn ta' l-intimati Vella.

39. Is-soċjeta' rikorrenti kellha l-informazzjoni kollha f'idejha u kellha żmien biżżejjed biex tagħmel l-istħarriġ tagħha, u ħadd ma ġiegħla tidħol fi ftehim ma' l-intimati – kienet għażla xjenta u libera tagħha, abbażi ta' l-informazzjoni kollha illi l-konjuġi Vella

tawhom, u issa ma tistax tipprova terġa’ lura mill-ftehim tagħha u tgħid illi kollox irid jiġi lilha rifuż.

40. Jekk ma ngħatax il-pariri korretti minn min kienet qiegħda tafda, dak ma jfissirx illi l-intimati Vella qarrqu biha.

41. Għalhekk, it-talba rikorrenti ma timmeritax illi tiġi akkolta.

**KONKLUŻJONI**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimati Joseph u Francesca konjuġi Vella, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Spejjeż kollha għandhom ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**